



7.9.2015

0029/2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

fuq il-promozzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni inklużiva

Rosa Estaràs Ferragut (PPE), Ádám Kósa (PPE), Brando Benifei (S&D), Marek Plura (PPE), Constance Le Grip (PPE), Eleonora Evi (EFDD), Barbara Matera (PPE), Victor Negrescu (S&D), Sergio Gutiérrez Prieto (S&D), Sylvie Guillaume (S&D), Csaba Sógor (PPE), Beatriz Becerra Basterrechea (ALDE), Indrek Tarand (Verts/ALE), Zdzisław Krasnodębski (ECR), Sabine Verheyen (PPE), Pablo Iglesias (GUE/NGL)

Data ta' skadenza: 7.12.2015

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-promozzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni inklużiva¹

1. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tinkludi l-Artikolu 21 dwar in-non-diskriminazzjoni u l-Artikolu 26 dwar l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilitajiet.
2. L-UE u l-Istati Membri tagħha ffirmaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), li tinkludi l-Artikolu 24 dwar id-dritt tal-persuni b'diżabbiltà għall-edukazzjoni.
3. Il-Parlament ippubblika rapport dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 (2010/2272(INI)).
4. L-Istati Membri tal-UE diġà kellhom riżultati pożittivi mill-implimentazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni inklużiva.
5. Sistemi ta' edukazzjoni inklużiva huma kkaratterizzati, fost affarijiet oħra, b'dan li ġej: mekkaniżmi għas-sejba bikrija ta' bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN); il-garanzija ta' appoġġ kwalifikat personalizzat; l-aċċessibbiltà ta' kurrikuli universali, tal-ICT, ta' materjal tat-tagħlim, u ta' servizzi ta' appoġġ; il-parteċipazzjoni ta' studenti SEN fl-istadji kollha tal-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni obligatorja u l-università; mekkaniżmi għat-tranżizzjoni minn skejjel speċjali għal skejjel regolari, u mill-edukazzjoni għall-impjieg; taħriġ għall-għalliema u għall-professionisti.
6. L-aċċess u l-permanenza fis-sistema edukattiva isaħħaħ l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd, l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet ta' impjieg.
7. B'hekk, qed isir appell lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE 2020 u tal-UNCRPD u biex tippromwovi l-ġbir ta' data affidabbli.
8. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma tkun vinkolanti għall-Parlament.